# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru 177/13 FDP**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) bhala surrogata fid-drittijiet tal-assgurat taghha Ale Petrus Couperus, u l-istess Ale Petrus Couperus**

**vs**

**Darren Grech**
**(ID 430780M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid-19 ta' Gunju 2013 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat thallas is-somma ta' €6,743.70 rappresentanti is-sommom ta' €5566.70 dovuta lis-socjeta Atlas Insurance PCC Limited, rappresentanti hsarat inhallsa minnha kif ukoll €177 rappresentanti Survey Fees minnha imhallsin flimkien ma' €1,000 lill-Ale Petrus Couperus rappresentanti excess imhallas minnu, liema flejjes kienu rizultat ta' incident illi sehh fit 3 ta' Marzu 2012 meta d-dghajsa "*Sea Jaguar*", misjuqa mill-intimat, ghaddiet vicin hafna tad-dghajsa tal-assikurat "*Out of the Blue*" u, bhala rizultat, kkawzat caqlieq qawwi tal-bahar u kkawzat hsarat fid-dghajsa ta' Ale Petru Couperus.

Rat ir-risposta ppresentata fit-22 ta' Awissu 2013 fejn l-intimat, filwaqt illi sahaq illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, insista illi huwa ma kien responsabbli ghal ebda hsarat filwaqt illi qal illi s-sewqan tieghu ma setax jitqies bhala traskurat jew b'nuqqas ta' hila peress illi huwa kien diehel lejn il-moll tad-Dwana bid-dghajsa '*Sea Jaguar*" skond struzzjonjiet tat-turretta, bi speed baxx li baqa' jnaqqsu sakemm trakka mal-moll.

Rat l-affidavit ta' **Ale Couperus** ippresentat fit 30 ta' Jannar 2014.

Semghet x-xhieda tal-**PC 29 Tancred Lino Debono** moghtija fit 30 ta' Gunju 2014 u ra id-dokumentazzjoni, ossija rapport tal-Puluzija NPS 1/A/1757/2012 u ritratti minnu ppresentat.

Semghet ix-xhieda ta' **Kenneth Azzopardi**, rappresentat tas-socjeta Boat Care Limited, moghtija fit 30 ta' Gunju 2014, flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita, osija 'Preliminary Survey Report' u Invoice tax-xoghol ta' riparazzjoni mehtiega.

Rat id-dokumentazzjoni ippresentata mir-rikorrenti fl-1 ta' Ottubru 2014, ossija il-Polza tal-Assikurazzjoni u l-Final Discharge and Subrogation Form.

Semghet ix-xhieda ta' **Tony Dalli**, Marine Surveyor, moghtija fl-10 ta' Ottubru 2014 u d-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fl-20 ta' Novembru 2014 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat l-affidavit ta' **Darren Grech** ippresentat fit-2 ta' Frar 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Roderick Borg**, prodott mill-intimat, moghtija fit-12 ta' Marzu 2015.

Semghet il-kontro ezami ta' **Ale Couperus** moghtija fid-9 ta' April 2015

Rat id-dokument esebit min Darren Grech fid-9 ta' April 2015, ossija ritratt tad-dghajsa 'Sea Jaguar''.

Semghet ix-xhieda ta' **Alvin Formosa**, prodott mill-intimat, moghtija fl-1 ta' Gunjua 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Alvin Formosa moghtija fid-9 ta' Novembru 2015.

Rat illi fid -9 ta' Novembru 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi w il-kawza setghet tigi differita ghas-sottomissjonijet finali.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentata fit-22 ta' Dicembru 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat ippresentata fil-25 ta' April 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi fit-3 ta' Marzu 2012, ir-rikorrent Ale Petru Couperus kien qieghed isuq id-dghajsa tieghu "*Out of the Blue*", illi hija 'cabin cruiser' tal-fiberglass, gewwa il-Port il-Kbir u mieghu kellu xi membri tal-familja.

Jirrizulta illi, mument minnhom, skond Couperus, huh kien qed ihossu hazin, u ghalhekk ghazel biex jersqa lejn il-moll tal-VISET, ossija dak tal-Valletta Waterfront, sabiex huh jinzel minn fuq id-dghajsa.

Jirrizulta illi, skond Coperus, il-hsieb tieghu ma kienx illi jidhol la' gemba mal-moll izda kien diehel bil-ponta tad-dghajsa thares lejn il-moll sabiex jghaggel il-process biex ikun jista jinzel malajr huh. (fol 87)

Jirrizulta illi dak il-hin, kienet ghaddeja id-dghajsa *'Sea Jaguar'*, illi hija bastiment li kienet misjuqa mill-intimat u kienet gejja lura minn inkariku illi kellha sabiex taghmel "deliveries" lill-bastiment illi kien stazzjonat 'l barra mill-ibhra territorjali Maltin.

Jirrizulta illi, skond Coperus, id-dghajsa *'Sea Jaguar'* kienet ghaddejja vicin tieghu u b'velocita' qawwija, bir-rizultat illi halliet tranja kbira warajha.

Jirrizulta illi, bhala konsegwenza tat-tranja illi halliet warajha l-bastiment *'Sea Jaguar'*, ir-rikorrent Couperus, illi kien ghadu qed jimmanuvra sabiex javvicina l-moll bil-ponta tad-dghajsa, spicca li tilef il-kontroll tad-dghajsa rizultat tal-mewg illi kien gej minn wara tad-dghajsa, liema mewg imbuttaw id-dghajsa 'l quddiem u dawwruha b'mod illi spiccat habtet fil-moll illi lejh kien qieghed jipprova jimmanuvra r-rikorrent Couperus.

Jirrizulta illi, bhala rizultat ta' dan, id-dghajsa laqtet il-moll bis-sahha u dana wassal sabiex issirilha hsara fil-parti tax-xellug ta' quddiem taghha, liema hsara kienet toqba fil-parti ta' fuq tad-dghajsa, u hsarat ohra fuq il-gemb tad-dghajsa li, ghalkemm ma wasslux biex id-dghajsa teghreq, kellhom jigu rrangati, bi spiza komplessiva ta' €6,566.70, kif jidher fl-invoice a fol 55 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Fil-provi prodotti mill-partijiet, l-intimat sahaq illi d-dghajsa ta' l-intimat kienet fil-port illegalment stante illi ma kienx gab il-permezz tal-Valletta Port Control biex jimmanuvra gewwa l-Port il-Kbir.

L-intimat sahaq ukoll illi huwa kien ghaddej b'velocita' ridotta hafna, u ghal dan ipproduca wkoll bhala xhud lill-kaptan Roderick Borg, illi kien mieghu fuq id-dghajsa.

Finalment, l-istess intimat insista illi r-rikorrenti Couperus kien qieghed jaghmel manuvra minghajr permess u kien qed jaghmel manuvra skorretta meta baqa' diehel bil-pruwa tad-dghajsa lejn il-moll, u ta' dan ipproduca lill Kaptan Alvin Formosa, li kien fuq il-Fernandez II illi kien sorgut fuq il-moll fejn sehh l-incident, jistenna il-klijenti gejjin.

Ir-rikorrent, da parte tieghu, sahaq illi, ghalkemm kien minnu illi huwa ma kienx ikkomunika mal-Valletta VTS meta dahal il-port, huwa kien qieghed jaghmel manuvra ta' emergenza peress illi huh kien qed ihossu hazin.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tosserva illi l-fatt dwar jekk d-dghajsa *'Out of the Blue'* kienetx gewwa il-Port il-Kbir minghajr permess tal-Awtoritajiet kompetenti jew le ma jnaqqas bl-ebda mod ir-reponsabilta' illi kellu l-intimat Darren Grech li jzomm *'a proper look-out'* huwa u jsuq il-bastiment kbir tieghu u jassikura illi ma jaghmilx hsara lill-terzi huwa u ghaddejj.

Il-Qorti tosserva ukoll illi l-intimat Darren Grech, f'mument minnhom, ra id-dghajsa *'Out of the Blue'* taghmel il-manuvri hdejn il-moll, u ghalhekk kien konxju tal-fatt illi kien hemm dghajsa vicin il-moll li qed taghmel manuvri u li setghet tigi effettwata mit-tranja w il-mewg illi l-bastiment tieghu kien qed jaghmel, u ghalhekk kellu jassikura ruhu illi jiehu l-passi kollha mehtiega sabiex ma jikkawzax inkonvenjenzi lill-tali bastiment - il-fatt li d-dghajsa ma kellhiex permess tal-Valletta VTS ma hijiex skuzanti.

Il-Qorti, madanakollu, tosserva wkoll illi r-rikorrent, da parte tieghu, kien naqas milli javza lill-Awtoritajiet li huwa kien qieghed fil-moll u aktar u aktar, kien qieghed jaghmel manuvra perikoluza u mhux korretta, fejn kien qed jittenta javvicina l-pruwa tad-dghajsa tieghu lejn il-moll biex huh jabqez ghal fuq il-moll minn fuq il-pruwa tad-dghajsa tieghu, liema manuvra, minnha nniffisha, kienet wahda inuzwali u mhux normali ghal dghajsa bhal tieghu, u li ghalhekk, minnha nnifisha,

setghet twassal ghal riskji akbar ghad-dghajsa milli kieku r-rikrorenti ghazel li jattrakka paralellament mal-moll, kif dejjem isir b'dghajjes bhal tar-rikorrent.

Il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi kieku r-rikorrent kien qed jipprova jattrakka mal-moll paralellament, il-fenders illi huwa kellu mal-gemb tad-dghajsa kienu certament jassikuraw illi ma kienex issir hsara lid-dghajsa - il-fatt illi r-rikorrent ghazel illi jidhol lejn il-moll bil-pruwa, minnha innifisha wasslet biex tkabbar il-potenzjal ta' hsara f'kaz li jinqala xi mewga, liema potenzjal eventwalment issarraf f'realta meta attwalment id-dghajsa spiccat vittma tal-mewg illi kkreat il-bastiment '*Sea Jaguar*', u wasslet biex id-dghajsa tolqot il-parti ta' quddiem taghha, kif jidher fir-ritratt a fol 50.

Ghalhekk, ir-rikorrenti irid igorr parti mir-responsabblita' ta' l-incident ukoll.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet ta' l-intimat filwaqt illi

**Tiddikjara** illi r-rikorrent Ale Petrus Couperus ghandu jerfa' parti mir-responsabbilta' ta' l-incident, u ghalhekk

**Tilqa** talbiet attrici limitatament kif gej

**Tillikwida** d-danni sofferti mis-socjeta Atlas Insurance PCC Limited fis-somma ta' hamest elef, sebgha mija u tlieta u erbghin Euro u sebghin centezmu (€5,743.70) u

**Tikkundanna** lill-intimat Darren Grech ihallas lis-socjeta Atlas Insurance PCC Limited is-somma ta' hamest elef, sebgha mija u tlieta u erbghin Euro u sebghin centezmu (€5,743.70).

**Tichad** it-talba fejn tirrigwarda d-danni sofferti minn Ale Petrus Coperus fis-somma ta' elf Euro (€1,000), liema somma ghandha tibqa a kariku tieghu.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, ikun a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur